MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-15 ta' Frar, 2006

Numru 671/2005

**Il-Pulizija**
**Spettur Angelo Gafa**

**V**

**GRACE CINI**
**NOEL FRENDO**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputati **GRACE CINI** ta' erbgha w tletin sena bint Joseph u Giovanna nee Azzopardi, imwielda Pieta nhar s-sittax ta' April 1971 u residenti Flat 7, St. Peter's Court, Triq l-Isponoz, Bugibba, detentrici tal-karta tal-identita numru 200971M u **NOEL FRENDO** ta' disgha w ghoxrin sena bin Dominic u Mary nee Cachia, imwieled Pieta nhar l-hdax ta' Dicembru 1975 u residenti fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin, detentur tal-karta tal-identita numru 63276M gew imressqa quddiemha akkuzati talli f'dawn il-Gzejjer

fis-sebgha w ghoxrin ta’ Lulju 2005 u fil-jiem ta’ qabel, b’diversi atti maghmulin minnhom fi zminijiet differenti izda li jiksru l-stess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda:

1. Assoccjaw ruhhom ma xi persuna jew persuni ohra f’Malta jew barra minn Malta bil-ghan li jaghmlu delitt f’Malta li ghalih hemm il-piena ta’ prigunerija u li mhux delitt taht l-Att dwar l-Istampa;

**LIL GRACE CINI WAHEDHA:**

a. talli fl-istess perjodu u cirkostanzi, ffalsifikat biljetti tal-flus maltin kif wkoll mexxiet biljetti tal-flus maltin falsifikati, meta kienet taf li huma falsifikati;

b. talli fl-istess perjodu u cirkostanzi, minghajr awtorita legali jew minghajr skuza legittima jew ragjonevoli, xrat jew irceviet minghand xi persuna, kif wkoll kellha fil-pussess taghha biljetti tal-flus maltin falsifikati, meta kienet taf li l-istess biljetti tal-flus kienu falsifikati;

c. talli fl-istess perjodu u cirkostanzi, xjentement laqghet ghandha jew xtrat hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat jew xjentement b’kull mod li jkun indahlet biex tmexxihom jew tbieghhom.

**LIL NOEL FRENDO WAHDU:**

a. talli b’xi mod li jkun, xjentement ghen jew assista lil Grace Cini fl-atti li bihom Grace Cini ffalsifikat biiljetti tal-flus maltin kif wkoll mexxiet biljetti tal-flus maltin falsifikati meta kien jaf li huma falsifikati;

b. talli b’hekk Noel Frendo sar recidiv ai termini tal-artikoli 49 et seq tal-Kodici Kriminali b’diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati datati sitta w ghoxrin ta’ Settembru 2000, tmintax ta’ Settembru 2002, tmienja w ghoxrin ta’ Ottubru 2004, tletin ta’ Dicembru 2004, sebgha ta’ Dicembru 2004 u ghaxra ta’ Marzu 2005, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

c. talli **Noel Frendo wahdu** kkommetta reat waqt l-perjodu operattiv ta’ sentenza sospiza imposta fuqu mill-Qorti Kriminali ta’ Malta b’sentenza taghha datata ghaxra ta’ Ottubru 2002, liema sentanza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f’kaz ta’ htija barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-ligi, tordna wkoll l-konfiska tal-oggetti kollha esibiti fl-atti.

Il-Qorti giet wkoll mitluba sabiex f’kaz ta’ htija, tikkundanna lil imputati ghal hlas ta’ spejjes li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif kontemplat fl-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat d-dokumenti kollha esibiti inkluz l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar l-hamsa w ghoxrin ta’ Novembru 2005 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Semghet lil imputata **Grace Cini tammetti l-akkuza ta’ falsifikazzjoni** fis-seduta tal-wiehed u tletin ta’ Ottubru 2005 [fol 353].

Rat li l-Prosekuzzjoni ddikjarat li t-tieni akkuza fil-konfront tal-imputata Grace Cini nghatat bhala akkuza alternattiva ghal ewwel akkuza u li t-tielet akkuza nghatat b’mod alternattiv ghal ewwel w it-tieni akkuza.

Rat li **l-imputat Noel Frendo rregistra ammissjoni fis-seduta tal-wiehed u tletin ta’ Ottubru 2005 [fol 353] ghall-akkuza t’assocjazzjoni bil-ghan li jaghmel delitt, li hu recidiv u li hu kiser s-sentenza sospiza moghtija fil-konfront tieghu**.

Rat li l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta kif verbalizzat minnhom stess fis-seduta tas-sebgha ta’ Dicembru 2005.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputati wiegbu li huma hatja ghal akkuzi minnhom ammessi, din l-Qorti wissiethhom b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghhom u tathom zmien xieraq biex jekk iridu jergghu lura minnha u kien wara li staqsiethom t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni taghhom.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-stess imputati, l-Qorti tiddikjara li qed issbhom hatja tal-akkuzi minnhom ammessi.

Rat l-atti kollha tal-kawza w d-dokumenti kollha esibiti.

Ikkunsidrat:

Illi minn ezami tal-fedina penali tal-imputata Grace Cini esibita a fol 3 et seq tal-atti, jirrizulta li ghandha ghaxar convictions registrati fuqha rigwardanti pussess ta' Cannabis fis-sena 1990 meta nghatat *unconditional discharge* u diveri *convictions* fuq tlajjar fil-pubbliku ghal skop ta' prostituzzjoni, u xi kontravenzjonijiet kontra l-Ordinanza tat-Traffiku, fejn inghatat piena ta' tmint ijiem prigunerija, multi u sentenzi sospizi.

Illi ghalhekk fid-dawl ta' din il-fedina penali, il-Qorti thoss li ghandha taghti sentenza ta' prigunerija fil-massimu taghha.

Rat il-fedina penali tal-imputat Noel Frendo esibita a fol 5 et seq tal-atti, konsistenti f'mhux inqas minn disgha faccati fuq reati ta' ksur tal-bon ordni pubbliku, serq bi vjolenza, pussess t'armi tan-nar minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija u pussess u traffikar ta' Eroina u Kokaina, fejn inghata diversi multi, amenda, prigunerija u diversi sentenzi sospizi w ghalhekk f'dawn ic-rikostanzi, il-Qorti ma thossx li tista tkun klementi mieghu fis-sens li ma timponix sentenza ta' prigunerija, ghalkemm f'din il-kawza l-imputat Noel Frendo ma kellux partecipazzjoni kbira u l-awtur ta' dan r-reat kienet il-ko-akkuzata Grace Cini.
Tapprezza wkoll l-koperazzjoni tal-imputat Noel Frendo mal-Ufficjal Prosekutur u l-ammissjoni tieghu fi stadju

relattivament bikri f'dawn il-proceduri u ghalhekk l-piena ta' prigunerija li ser timponi fil-konfront tieghu, gharrigward l-akkuzi odjerni, ser tkun fil-minimu taghha.

**Il-Qorti, ghalhekk wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 18, 42, 43, 48A, 49, 50, 28A sa 28H u 533 tal-Kap 9 u l-artikolu 45(1) tal-Kap 204 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara li qed issib lil imputata GRACE CINI hatja tal-akkuza ta' falsifikazzjoni ta' flus u ta' pussess ta' flus foloz u tikkundannaha ghal piena karcerarja ta' sentejn sospizi ghal erbgha snin bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Tiddikjara li qed ssib lil imputat NOEL FRENDO hati tar-reat t'assocjazzjoni bil-ghan li jaghmel delitt f'Malta u talli huwa recidiv u tiddecidi li tikkundanah ghal piena karcerarja ta' tlettax il-xahar mill-lum.**

**Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tar-reat ta' ricettazzjoni fil-konfront tal-imputata Grace Cini peress li din l-akkuza nghatat b'mod alternattiv mill-Prosekuzzjoni ghal akkuzi li din il-Qorti sabitha hatja taghhom.**

**Il-Qorti, oltre dan, tikkundanna lil imputati GRACE CINI u NOEL FRENDO** kif kontemplat fl-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **jhallsu <u>bejniethom</u> is-somma ta' erbgha mija wiehed u hamsin lira u disghin centezmu [LM451.90] rappresentanti z-zewg relazzjonijiet li ppresenta n-Nutar Dottor Stephen Farrugia Sacco [fol 138 u 386 tal-process] nominat bhala espert minn din il-Qorti nhar t-tmienja ta' Awissu 2005 [fol 26] u dan lil Gvern ta' Malta fi zmien xahrejn minn meta jigu hekk interpellati mir-Registratur tal-Qorti.**

**Tordna l-konfiska tal-oggetti esibiti fl-atti mill-Ispettur Angelo Gafa nhar t-tmienja ta' Awissu 2005 konsistenti f'photocopier markata bhala dokument AG 3, cartridges markata bhala dokument AG 4, monitor tal-ghamla Benq u computer tower (make unknown) bil-hard disc u zewg CD's markati bhala dokument AG**

**6, photocopier u scanner markati bhala dokument AG 7, keyboard u mouse markati bhala dokument AG 8, modem u blue tooth markati bhala dokument AG 11, hames CD’s floppy discs, cables u manuals markati bhala dokument AG 12 u dan favur il-Gvern ta’ Malta.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------